# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 20**

**Rikors Numru 239/06 RGM**

**Rita Micallef**

**v.**

**Alfred Micallef**

<u>Preliminari</u>

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fis-26 ta' Frar 2016, li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet billi z-zwieg taghhom tkisser irremidjabbilment bi htija unika tal-konvenut minhabba l-adulterju kommess minnu. Ghall-finijiet tal-appell odjern hija relevanti dik il-parti tas-sentenza appellata

fejn l-ewwel Qorti iddisponiet mit-tielet u mill-hames talba. Dik il-parti tas-sentenza taqra hekk:

> "3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) fix-xahar bhala manteniment ghaliha u tichadha fil-kumplament. Jekk u meta d-dhul tal-konvenut ikun biss il-pensjoni tas-servizz u tal-irtir, huwa ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment nofs il-pensjoni tas-servizz u tal-irtir. Il-manteniment hawn ordnat ghandu jizdied kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Tikkundanna wkoll lill-konvenut ihallas is-somma globali ta' erbat elef u disa' mitt ewro (€4,900) rapprezentanti arretrati ta' manteniment pendente lite ghall-perijodu bejn is-27 ta' April 2012 u l-20 ta' Marzu 2013 bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija b'effett mill-20 ta' Marzu 2013 sad-data tal-effettiv pagament.
>
> ……………………….. omissis ………………………..
>
> "5. Tilqa' l-hames talba attrici, ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti u tordna d-divizzjoni tal-istess billi tordna l-bejgh tad-dar matrimonjali u cioe' tal-fond "Daffodils", Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq bil-pertinenzi kollha taghha kif ukoll l-effetti mobbli kollha li jinstabu fiha. Mir-rikavat l-ewwel ghandu jigi saldat kwalunkwe dejn li jaggrava l-immobbli imsemmi kif ukoll arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma fuq l-istess fond; il-bilanc jinqasam ugwalment bejn il-partijiet."

<u>Il-Fatti</u>

2. Il-partijiet izzewwgu fis-27 ta' Lulju 1982 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li llum huma maggjorenni. Iz-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa b'mod irrimedjabbli u l-ewwel Qorti sabet illi dan gara b'tortijiet imputabbli lill-konvenut u iddecidiet dwar l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

3. Il-konvenut qieghed jappella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti

rigwardanti l-manteniment li hu gie ordnat ihallas, kif ukoll id-decizjoni dwar il-bejgh tad-dar matrimonjali b'mod specifiku ghall-valur taghha.

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet relattivi ghall-meritu tal-aggravji in dizamina:

> "**Komunjoni tal-Akkwisti**.
>
> "Min-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet jidher li hemm qbil li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh. Dwar ir-rikavat l-attrici qed issostni li minhabba l-adulterju tal-konvenut "… r-rikavat m'ghandux jinqasam f'parti ugwali bejn il-partijiet, izda illi hija ghandha tigi assenjata sehem ikbar mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali"[1]. Fil-fehma tal-Qorti tali sottomissjoni m'ghandiex fondament legali. In sostenn ghal tali reklam, l-attrici la ghamlet referenza ghal xi provvediment legali fir-rigward u lanqas ghal gurisprudenza. In mankanza ta' provvediment legali jew gurisprudenza li tikkonforta l-pretensjoni attrici fir-rigward il-Qorti qed tiddikjara tali pretensjoni bhala priva minn fondament legali.
>
> "Ghalhekk il-Qorti qed tordna li d-dar matrimonjali tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.
>
> "**Manteniment**.
>
> "Konsegwenza li l-konvenut qed jinstab hati ta' adulterju, huwa iddekada mid-dritt li jircevi manteniment minghand l-attrici.
>
> "L-attrici qed titlob manteniment minghand il-konvenut ghaliex issostni li minhabba l-kondizzjoni medika taghha ma hux possibbli ghaliha li tahdem. Mill-atti jirrizulta li l-attrici ghandha l-kondizzjoni imsejha osteoporosis, li kagun taghha l-ghadam tal-bniedem jiddghajjef gradwalment. Il-provi tal-attrici dwar il-kapacita' lavorativa taghha o meno huma pero' skarsi. Apparti r-rizultanzi tat-test imsemmi, ma resqet l-ebda prova ohra, la xhieda medika *ex parte* u lanqas talbet in-nomina ta' espert gudizzjarju mediku
>
> "Mill-banda l-ohra l-konvenut ressaq bhala espert mediku ex parte lil Dr

[1] Fol. 372.

> Joseph Tonna, *general practitioner* specjalizzat fil-medicina tal-familja, li ta l-opinjoni li l-kondizzjoni medika tal-attrici kif tirrizulta mid-dokumenti ezebiti fl-atti ma tirrendihiex inkapaci li tahdem. Mistoqsi dwar xoghol ta' hjata kien kategoriku. Xehed illi min ghandu tali kondizzjoni xorta huwa kapaci li jaghmel xoghol ta' hjata.
>
> "L-attrici ser taghlaq kwazi sittin sena u ilha maqtugha mid-dinja lavorativa ghal hafna snin hlief li kienet snin ilu taghmel xoghol ta' hjata. Il-Qorti hi tal-fehma li gialadarba l-attrici qeghda fuq l-ghatba tal-eta` tal-irtir m'ghandiex tikkonsidra li kapaci terga tohrog fid-dinja tax-xoghol.
>
> "Skont il-provi imressqa jirrizulta illi l-attur jaqla netti bejn salarju, sahra u allowances circa erbgha u ghoxrien elf ewro (€24,000) fis-sena wara li titnaqqas it-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjoni tas-sigurta' socjali (ara dokument a fol. 297).
>
> "Il-Qorti ghalhekk wara li kkonsidrat id-dhul li ghandu l-konvenut u l-htigijiet tal-attrici, qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment lill-attrici fis-somma ta' sitt mitt ewro (€600) fix-xahar.
>
> "Dwar it-talba tal-attrici sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas arretrati ta' manteniment dovut skont digriet dwar manteniment pendente lite, jirrizulta li tali talba hi gustifikata."

L-Appell

4. Fir-rikors tal-appell tieghu l-attur qed jitlob li din il-Qorti thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza attrici li tirrigwardja l-*quantum* tal-manteniment u l-likwidazzjoni tad-dar matrimonjali, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu l-bqija.

5. Da parti taghha l-attrici qed titlob li l-appell jigi michud u s-sentenza attrici tigi konfermata fl-intier taghha.

*L-Ewwel Aggravju*

6. Dan jikkoncerna l-manteniment illi l-ewwel Qorti ordnat li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici.

7. Il-konvenut jghid li ghalkemm l-attrici minn dejjem kienet tahdem bhala hajjata u ddahhal introjtu u tikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-familja, ghall-habta tal-istess zmien illi ipprocediet b'dawn il-proceduri hija ma baqghetx tahdem, u ma hadmet xejn tul dawn l-ahhar disa` snin li damu ghaddejjin dawn il-proceduri. Mill-provi ma jirrizultax li l-kundizzjoni medika taghha [l-osteoperosis] kienet affetwat l-kapacita` taghha lavorattiva bhala hajjata u jsostni li l-attrici kienet u ghadha kapaci tahdem. Il-konvenut jilmenta li, minkejja dan, l-ewwel Qorti xorta wahda ordnat li hu ghandhu jhallasha s-somma mensili ta' €600 manteniment ghaliha. L-ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha fir-rigward fuq id-dikjarazzjoni li l-attrici ilha hafna zmien maqtugha mid-dinja tax-xoghol u li qeghda fuq l-ghatba tal-eta` tal-irtirar.

8. Jghid li l-attrici ghazlet minn rajha li ma tibqax thejt u ghazlet li minghajr ebda raguni tinqata' mid-dinja tax-xoghol. Ghaldaqstant m'ghandhiex tigi premjata billi tithallas manteniment minghand il-konvenut. Inoltre, ma jirrizulta ebda impediment li jimpediha milli terga' tibda tahdem ta' hajjata. Fi kwalunkwe kaz, il-konvenut jissottometti li, ghalkemm huwa lest li jhallasha manteniment, l-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti huwa esagerat u eccessiv.

9. Il-konvenut jghid ukoll illi immedjatament qabel inghatat is-

sentenza tal-ewwel Qorti, l-attrici kienet stqarret mieghu illi hija kienet qed tahdem mit-Tnejn sal-Gimgha mis-7.00 am cirka sas-2.00 pm cirka ma' *cleaning contractor*. Jghid li l-fatt illi l-attrici tahdem u kienet qeghdha tahdem waqt il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ghandu jincidi b'mod fondamentali fuq id-dritt taghha li tircievi manteniment jew fuq l-ammont li ghandha tircievi. Ikompli jsostni li ghalhekk l-attrici hija kapaci ghax-xoghol, anke xoghol ta' certu attivita` fizika, u ghalhekk tista' tmantni lilha nnifisha.

10. Il-konvenut jilmenta wkoll mill-fatt illi l-ewwel Qorti, fil-kalkolu tal-mezzi tieghu, hadet in konsiderazzjoni l-*overtime* li jaghmel kif ukoll l-*allowances* li ghandu bhala pulizija. Jghid li ma huwiex gust illi fil-komputazzjoni tal-*quantum* tal-manteniment li ghandu jhallas jittiehed kont ta' dik il-parti tad-dhul tieghu li ma humiex stabbli jew regolari jew li ma huwiex garantit, bhal ma huwa l-*overtime*. Jghid li l-ewwel Qorti qieset il-figura ta' €24,000 fis-sena ghax inkludiet l-*overtime*, izda kieku hadet kont tad-dhul baziku tieghu, kienet tasal ghall-figura ta' madwar €18,000 fis-sena. Huwa pprezenta Dok XX li jikkonferma li s-salarju baziku pagabbli lilu huwa ta' €17,663 fis-sena jew ta' €1,358.69 kull erba' gimghat. Jghid li f'kaz li l-*overtime* ma jibqax disponibbli jew hu ma jkunx aktar f'pozizzjoni li jaghmel xoghol addizzjonali, is-somma ta' €600 iffissata mill-ewwel Qorti tkun tlahhaq kwazi nofs is-salarju tieghu, u dan mhuwiex gust fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz.

11. Jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti iddecidiet li, jekk u meta, id-dhul tieghu jkun biss il-pensjoni tas-servizz u tal-irtirar, huwa ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment nofs dik il-pensjoni. Jghid li dan huwa ingust anke tenut kont tal-fatt illi l-attrici ghamlet diversi snin tahdem u qeghda tahdem illum ukoll u ghalhekk diga` hallset ammont ta' bollol akkont tal-pensjoni taghha stess. Jghid li huwa jkun dispost illi jhallas jekk jaghti l-kaz li dan huwa fattibbli finanzjarjament ghalih una volta li jsir jaf l-ammont relattiv tal-bolol li l-attrici ghandha neqsin sal-gurnata meta bdiet tahdem fil-mori ta' dawn il-proceduri, sabiex hi tkun tista' tircievi pensjoni shiha fl-eta` tal-irtirar taghha.

12. Min-naha taghha l-attrici twiegeb ghal dan l-aggravju billi, inter alia, tissottometti, illi permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-konvenut qed jipprova jottjeni apprezzament mill-gdid tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, liema apprezzament ma ghandux jigi disturbat hlief ghal ragunijiet gravji. Tghid li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija pjenament konformi mad-dettami tal-ligi ghaliex il-quantum tal-manteniment gie fissat *'...wara li kkunsidrat id-dhul li ghandu l-konvenut u l-htigijiet tal-attrici'* abbazi tal-provi prodotti quddiemha.

13. Tkompli tghid li, mir-riassunt tal-provi riportat fis-sentenza attrici, jidher car li l-ewwel Qorti sejjset id-decizjoni taghha fuq [1] id-dokumenti

prodotti minn Alexander Mizzi[2] dwar is-salarju tal-konvenut [2] ix-xhieda tal-attrici, b'mod partikolari fejn qalet li l-konvenut minn rajh kien ghamel zmien jaghtiha €800 fix-xahar bhala manteniment *pendente lite* u, [3] x-xhieda tal-konvenut li ex admissis qal li kemm kienet ilha ghaddejja l-kawza huwa kien ihalli lill-attrici s-somma ta' €830 fix-xahar ghal hajja.

14. Tghid li ma huwiex minnu li l-allegazzjoni taghha li hi ma tistax tahdem minhabba kundizzjoni medika mhijiex fondata u li hi fil-fatt kapaci tahdem. Tissottometti illi jirrizulta car li z-zieda fil-manteniment stabbilit *pendente lite* u dak iffissat fis-sentenza ma sarx b'mod frivolu izda sar abbazi tal-fatt li fil-mori tal-proceduri gew ipprezentati numru ta' *payslips* tal-konvenut ghal diversi snin, jigifieri bejn l-2004 u l-2007 u ghas-sena 2011, u jirrizulta li l-paga tieghu kienet awmentata b'mod annwali u li l-probabbilita` hi li mid-data tas-sentenza sad-data tal-irtirar ser tkompli tizdied. Tghid li ghalhekk l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi, kuntrarjament ghall-manteniment iffissat *pendente lite*, is-sentenza tohloq finalita` bejn il-partijiet u kien ghalhekk li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-awment annwali sabiex issir gustizzja mal-partijiet u sabiex tirregola l-obbligi u drittijiet taghhom fil-konfront ta' xulxin.

15. Rigward il-mezzi tal-konvenut u senjatament dwar l-ilment tieghu

[2] Li jahdem fis-sezzjoni tas-salarji fil-korp tal-pulizija.

li l-Qorti ma kellhiex tiehu in konsiderazzjoni l-*overtime* u l-*allowances,* l-attrici tghid li dan huwa argument li seta’ gie sollevat quddiem l-ewwel Qorti li setghet tiddeciedi fuq il-provi li kellha quddiemha. Di fatti l-*payslips* li gew ipprezentati juru li anke l-*allowances* u l-*overtime* kienu qed jigu ippercepiti fuq bazi regolari. Il-konvenut qatt ma ghamel rizerva illi l-introjtu tieghu, ghall-fini tal-komputazzjoni tal-manteniment, kellu jigi ikkalkolat fuq il-paga bazika biss, tant li meta ordnat jipprezenta prospett guramentat indikanti l-introjtu shih annwali tieghu, huwa kien gab akkonjizzjoni tal-Qorti l-fatt li l-paga tieghu kienet dik skont l-FS3 li giet annessa mal-istess prospett. Dan ghamlu bla ebda riservi. Tghid ghalhekk illi galadarba dan il-punt ma giex trattat quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti bhala qorti ta’ revizjoni m’ghandhiex tiehu konjizzjoni tieghu.

16. Tghid ukoll li mid-dokumenti esebiti mill-konvenut stess, ma jidher xejn erratiku fl-*allowances* u fl-*overtime*, anzi jirrizulta li d-dhul tieghu ma kienx suggett ghal xi varjazzjonijiet kbar u ghalhekk ma hemm ebda raguni sabiex id-decizjoni tal-ewwel Qorti, ibbazata fuq il-medja tal-introjtu tal-konvenut, tigi varjata. Ticcita wkoll is-sentenza **Maria Dolores Agius v. Joseph Agius**, fejn il-konvenut kien ukoll pulizija u l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-*overtime* u l-*allowances* sabiex iffissat il-manteniment dovut.

17. Dwar it-talba tal-konvenut ghal revizjoni tad-decizjoni tal-ewwel

Qorti li permezz taghha l-attrici ghandha tippercepixxi nofs il-pensjoni tieghu meta huwa jirtira, hija tghid li l-konvenut jipprova jissostanzja l-argument tieghu fuq ipotezi mhux provata rigwardanti l-possibbilta` li l-attrici tippercepixxi pensjoni percepibbli. Huwa kellu c-cans li jharrek xhud mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali dwar dan, izda naqas milli jressaq provi fir-rigward u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet gusta meta waslet ghad-decizjoni taghha a bazi tal-provi li kellha quddiemha. Tghid li d-decizjoni tal-ewwel Qorti rigward l-introjtu percepibbli mill-konvenut meta jirtira hija gusta fic-cirkostanzi tal-kaz, specjalment fid-dawl tal-fatt li dan ghamel 25 sena servizz u ghalhekk jista' jirtira meta jrid.

18. Rigward it-talba tal-konvenut sabiex jigi awtorizzat jipprezenta quddiem din il-Qorti prova gdida dwar l-impjieg taghha, l-attrici tghid li din ghandha tigi michuda in kwantu kienet biss b'negligenza tieghu li ma ngabitx quddiem l-ewwel Qorti.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

19. Fl-ewwel lok, in tema legali, jigi ribadit illi

> "il-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' rivizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji, jew li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha *[App.C. Emanuel Cardona et vs Dr.Graham Busuttil, deciz 10 Jannar 1995].* Dan ma jsirx "sakemm l-konvenut – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm

> ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta". [App.S. **Paul Formosa v Salvu Debono**, deciz 5 Ottubru 2001]."[3]

20. In tema legali jinghad illi l-manteniment li konjugi huwa obbligat li jissoministra lill-konjugi l-iehor hu regolat bl-Artikolu 54 tal-Kodici Civili, li jipprovdi fost affarijiet ohra, illi l-ammont tal-manteniment ghandu jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila lavorattiva taghhom, il-bzonnijiet taghhom u c-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz.

21. Fil-kaz in kwistjoni, jirrizulta illi l-attrici, ghalkemm kienet ghamlet bosta snin tahdem ta' hajjata, maz-zmien kienet waqfet tahdem u issa ilha numru ta' snin ma tahdimx.

22. Fl-ewwel parti tal-aggravju tieghu, il-konvenut jissottometti illi ma irrizulta ebda impediment li kien jostakola lill-attrici milli tkompli tahdem u li ma nghatat ebda raguni ghaliex is-somma ta' €400 stabbilita mill-ewwel Qorti *pendente lite* giet awmentata ghal €600 fis-sentenza appellata.

23. Din il-Qorti tosserva fir-rigward illi fis-sezzjoni taht l-intestatura **'Manteniment'** fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti spjegat ir-ragunijiet ghaliex fl-ewwel lok qieset illi l-attrici ma tistax tigi ikkonsidrata illi hija

---

[3] App. **Moviment Azzjoni Socjali v. Noel Borg** deciza fit-18 ta' Lulju 2014.

kapaci terga' tibda tahdem u fit-tieni lok spjegat il-bazi li fuqha waslet ghas-somma ta' €600 fix-xahar.

24. Dwar l-ewwel konsiderazzjoni, din il-Qorti tosserva li mis-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti ikkonsidrat il-fatt illi l-attrici qeghda toqrob l-eta` pensjonabbli u ghalhekk ma tistax tigi meqjusa bhala kapaci li tohrog tahdem u tmantni lilha nnifisha wara tant snin wieqfa mix-xoghol. Fi kliem iehor il-hajja lavorattiva taghha hija limitata hafna minhabba l-eta` taghha u ghalhekk kienet meqjusa mill-ewwel Qorti mhux sufficjenti sabiex l-attrici iddahhal introjtu adegwat biex issostni lilha nnifisha

25. Dwar it-tieni konsiderazzjoni l-ewwel Qorti qieset ukoll il-fatt illi fis-sena 2011 il-konvenut kien jaqla' ftit anqas minn €24,000 netti bejn salarju, sahra u *allowances* u dan, skont id-dokument ipprezentat[4] minnu stess. Maghdud ma' dan, mill-provi[5], jirrizulta illi l-paga bazika tal-konvenut dejjem tizdied b'dan illi jekk il-paga netta tal-konvenut fis-sena 2011 inkluz sahra u allowances kienet tlahhaq l-ammont ta' kwazi €24,000, illum, tmien snin wara, zgur illi l-introjtu llum tal-konvenut huwa oghla minn dak tas-sena 2011.[6]

---

[4] Dok. A - Fol.297.
[5] Dok. AM5 - Fol 91.
[6] Mid-dokument AM5 a fol 91, ipprezentant fl-10 ta' Novembru 2008 mix-xhud Alexander Mizzi illi jaghmel xoghol relatat ma' salarji gewwa d-Depot tal-Pulizija, jirrizulta li bejn is-snin 2004 u 2008, il-basic pay tal-konvenut zdiedet b'mod regolari kull sena biex minn €13,300.72 fl-2004, lahqet €14,692.02 fl-2008. Minn Dok A a fol 297 ipprezentat mill-konvenut stess, jirrizulta li fl-2011, il-paga bazika tieghu lahqet l-€15,994.03, u ghalhekk kompliet tizdied.

26. Dawn il-konsiderazzjonijiet jallaccjaw mat-tielet parti tal-aggravju tal-konvenut li titratta l-mezzi tieghu. Din il-Qorti tinnota wkoll illi mkien fir-rikors tal-appell tieghu il-konvenut ma jghid illi huwa ma ghadux jahdem *overtime*, izda jghid biss illi dan l-introjtu tieghu ma ghandux jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-manteniment pagabbli lill-attrici, ghax altrimenti f'kaz li huwa ma jibqax jahdem *overtime* u fl-istess hin jibqa' vigenti l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment hekk komputat huwa jigi ippregudikat. Il-Qorti tosserva li din il-parti tal-ilment tal-konvenut hija ibbazata fuq spekulazzjoni. Barra minnhekk l-ammont ta' manteniment stabbilit f'dawn il-proceduri gie komputat *rebus sic stantibus*, b'mod allura li, jekk ic-cirkostanzi jinbidlu b'mod sfavorevoli ghall-konvenut dan xorta ghandu d-dritt li jirrikorri gudizzjarjament sabiex il-manteniment fissat jigi rivedut fid-dawl tac-cirkostanzi godda li talvolta jkunu avveraw ruhhom.

27. Mill-P3's[7], kif ukoll mid-Dok A ipprezentat mill-konvenut stess, jirrizulta illi l-konvenut hadem l-*overtime* fuq bazi regolari u mhux b'mod sporadiku. Huwa f'ebda hin ma jallega illi ma hux ser jibqa' jinghatalu jew illi hemm xi raguni gravi bhal ma hi sahha, illi timpedih milli jkompli jahdem *overtime*.

[7] Prezentati mix-xhud Alexander Mizzi – fol. 91 *et seq*.

28. Dwar it-tieni parti tal-aggravju tal-konvenut li fih jitlob lil din il-Qorti sabiex f'dan l-istadju tawtorizzah itella' dokumenti li juru li l-attrici qeghda tahdem, din il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet moghti minnha fid-29 ta' Jannar 2016 u ghall-konsiderazzjonijiet hemm maghmula li fuqhom din il-Qorti cadhet l-istess talba maghmula mill-konvenut u, ghalhekk, mhux il-kaz lil din il-Qorti tinoltra ruhha aktar fir-rigward.

29. L-istess jinghad dwar l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-attrici tista' tkun eligibbli ghal xi ammont f'pensjoni kontributorja in kwantu ghamlet xi zmien thallas il-bolla skont il-ligi tas-Sigurta` Nazzjonali. Galadarba l-konvenut naqas illi jtella' provi adegwati in sostenn ta' din l-allegazzjoni, meta kellu kull cans li jaghmel dan quddiem l-ewwel Qorti, *imputet sibi*.

30. Illi meqjus il-fatt illi l-konvenut in kontro-ezami[8] jiddikjara illi mindu nqalghet il-kawza huwa minn jeddu kien ihallas lil martu s-somma ta' €830[9] mill-paga tieghu ghall-ghixien taghha u tat-tfal; meqjus ukoll illi huwa ghandu introjtu ta' madwar €2,000 netti fix-xahar, kif ukoll ikkonsidrati l-bzonnijiet tal-attrici, fosthom dawkipprezentati minnha fin-nota guramentata[10] taghha, kif ukoll fil-prospett guramentat[11] taghha,

[8] Kemm a fol 254 kif ukoll a fol 333.
[9] Ghalkemm fir-risposta guramentata tieghu tat-28 ta' Settembru 2012 a fol 295, huwa jiddikjara illi ghas-sitt snin ta' qabel huwa kien itiha €300 u dan minghajr ebda digriet, waqt li fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu tas-26 ta' Frar 2008 jghid li huwa jtiha €757.05 (gja Lm325) fix-xahar bhala manteniment. Dan kollu juri inkonsistenza fix-xhieda tal-konvenut.
[10] a fol 96-97.
[11] Fol.299.

din il-Qorti ma hix tal-fehma illi manteniment mensili ta' €600 fix-xahar huwa esagerat jew eccessiv.

31. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Josette Vella v. Sebastian Vella**, moghtija fl-10 ta' Ottubru 2003 fejn din il-Qorti osservat hekk dwar manteniment derivanti miz-zwieg:

> "…. il-pensjoni alimentari ma tkoprix biss il-bzonnijiet strettament necessarji tal-kreditur izda hija proporzjonata ghall-mezzi tal-kreditur."

32. In kwantu d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-rata ta' manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici meta dan johrog bil-pensjoni, din il-Qorti mhux biss taqbel mad-decizjoni ghaqlija tal-ewwel Qorti illi tipprovdi ghas-sitwazzjoni tal-partijiet fil-futur qarib meta l-konvenut jirtira, izda thoss ukoll li fic-cirkostanzi d-decizjoni li tattribwixxi lill-attrici nofs il-pensjoni tas-servizz u tal-irtirar hija l-iktar wahda gusta u ekwa, minghajr ma jigi injorat il-fatt li t-tkissir taz-zwieg huwa attribwit eslussivament ghar-relazzjoni adultera tal-konvenut matul il-konvivenza, bir-rizultat li ser tinbiegh id-dar matrimonjali li fiha ghadha tabita l-attrici.

33. Ghalhekk, wara li din il-Qorti ezaminat dan l-aggravju fil-kuntest tal-provi akkwiziti, hija ma ssibx motiv sufficjenti biex tiddisturba d-deskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti in rigward u ghaldaqstant qed tirrespingi dan l-aggravju.

*It-Tieni Aggravju*

34. Dan jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iddisponiet mid-dar matrimonjali tal-partijiet billi ordnat il-bejgh taghha u r-rikavat, wara li jithallsu d-debiti indikati fl-istess parti tas-sentenza, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

35. Il-konvenut jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tistabilixxi l-valur minimu tal-bejgh tal-istess proprjeta`, liema valur kien mehtieg sabiex is-sentenza tkun tista' tigi enforzata b'mod effettiv. Jghid li dan jirrendi s-sentenza pjuttost ineffikaci fir-rigward tax-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti relattiva ghal din il-parti tal-assi.

36. L-attrici tilqa' ghal dan l-aggravju billi tissottometti, inter alia, illi jekk il-konvenut hass li kellu jkun hemm determinazzjoni tal-valur tad-dar matrimonjali, huwa kellu jressaq provi f'dan ir-rigward sabiex l-ewwel Qorti tiehu konjizzjoni taghhom. Din il-Qorti ma tistax tiddetermina l-valur tad-dar matrimonjali *in vacuo*, minghajr l-icken prova fir-rigward.

37. Issostni li ma hemm xejn stramb fid-decizjoni tal-ewwel Qorti li d-dar tinbiegh fis-suq liberu, b'dan illi l-valur tad-dar ikun jiddependi fuq il-valur fis-suq tal-proprjeta` immobbli.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

38. Din il-Qorti tosserva illi l-kwistjoni tal-valur tad-dar matrimonjali ma

tqajjmitx quddiem l-ewwel Qorti. La gew moghtija stimi ex parte la gew ipprezentati stimi ex parte u lanqas ma saret talba lill-ewwel Qorti sabiex tqabbad perit gudizzjarju biex ihejji stima tal-istess; f'ebda parti tax-xhieda jew tas-sottomissjonijiet tal-partijiet ma hemm accenn ghal dak li jista' jkun il-valur ta' din id-dar.

39. L-uniku accenn fir-rigward li din il-Qorti sabet fl-atti processwali huwa dak maghmul mill-konvenut in kontro-ezami[12] fejn jghid li tezisti stima tal-perit li kien gab hu u li kienet gabitha l-attrici wkoll, izda din l-istima ma tirrizultax li kienet giet ipprezentata; lanqas fit-trattazzjoni tal-aggravju tieghu, fejn propju l-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti ma stabbilitx valur ghad-dar, ma jispjega l-konvenut x'kellu jkun dan il-valur minimu u fuq liema fatturi rizultanti mill-provi l-ewwel Qorti kellha tistrieh sabiex tistabilixxi tali valur.

40. Kwistjoni bhal ma hi valutazzjoni tad-dar matrimonjali fi proceduri ta' separazzjoni hija materja illi kellha titqajjem quddiem l-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta' din il-proprjeta` tal-komunjoni u zgur mhux quddiem din il-qorti ta' revizjoni. Ghalhekk, galadarba l-partijiet naqsu, f'disa' snin ta' proceduri quddiem l-ewwel Qorti, illi jressqu provi fir-rigward tal-valur tad-dar matrimonjali l-ewwel Qorti kellha ragun li tikkonsidra dan il-fatt bhala mhux kontestat u tghaddi ghal-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tieghu kif ghamlet. Fic-

[12] Fol.336.

cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li l-partijiet m'ghandhomx jikkonkordaw dwar il-valur minimu tad-dar, jew inkella jikkonkordaw li jqabbdu perit biex jaghmel stima tal-istess bil-ftehim li joqghodu fuq l-istima ta' dak il-perit. Dak li ma jistghux jaghmlu l-partijiet huwa li jitolbu li f'dan l-istadju ta' appell jigu awtorizzati jressqu provi fir-rigward, provi li kellhom kull opportunita` li jressqu tul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti.

41. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

<u>Decide</u>

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell fl-intier tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df